**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 36/14VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 24 ta' April 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fl-4 ta' April 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-element ta' multa amministrattiva w imghax mill-istima mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "WL01" u Dok. "WL02" a fol. 2 u 3 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) kemm-il darba t-talba tas-socjetà Rikorrenti hija ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikors huwa rritu u null in kwantu jikser id-dettami tal-Partita 4(a)(b)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fi kwalunkwe kaz, in kwantu tali multa amministrattiva tirrizulta minn stima, il-procedura a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi adottata u dan a tenur ta' dak provdut fis-subparagrafu (k) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi; (iii) peress illi s-socjetà Rikorrenti ma tindikax in bazi ghal liema artikolu tal-Ligi qed tavvanza t-talba taghha, huwa ma jistax jirrispondi b'mod akkurat ghall-allegazzjonijiet avvanzati fil-konfront tieghu u dan in vjolazzjoni tal-principju ta' *audi et alteram partem*; (iv) l-oneru tal-prova li tali multa amministrattiva u imghax ma kellhomx jigu imposti fil-konfront taghha jinkombi fuq is-socjetà

Rikorrenti, liema oneru ma jinsabx minnha sodisfatt; u (v) jekk meta tallega li il-multa amministrattiva u l-imghax imposti fuqha jippekkaw f'dak li hija proporzjonalità effettivament qed timplika xi ksur ta' xi dritt kostituzzjonali taghha, it-Tribunal ma huwiex il-*foro idoneo* biex tottjeni rimedju f'tali rigward;

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet "XXX v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)" Rik. Nru. 37/14 u b'mod partikolari r-Rikors promotur, ir-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ir-Rapport dwar l-investigazzjoni fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti u r-Rapport dwar ir-Review mitlub mis-socjetà Rikorrenti;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti u ra s-sentenzi fl-ismijiet "Gulab Chatlani v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell Nru. 7/05 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar 2006[1], "Parkwood Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell Nru. 21/05 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' April 2006[2], "Oasi Foundation v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell Nru. 17/04 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju 2005[3] u "Aldo Melidoni v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Rikors Nru. 7/06 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2007, esebiti mid-difensur tas-socjetà Rikorrenti waqt it-trattazzjoni;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta l-multa amministrattiva u l-imghax imposti fuqha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) bl-istima mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10. Hija titlob titlob ir-revoka u thassir ta' l-element ta' multa amministrattiva u imghax mill-imsemmija stima stante li l-istima ma nhargitx *properly, reasonably u fairly* stante li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma kellhomx jigu imposti fuqha ebda multa amministrattiva w imghax, hija dejjem agixxiet in buona fede u hemm ragunijiet validi ghaliex l-imghax u l-multa amministrattiva ma ghandhomx jigu imposti fuqha u ir-rapport taxxa perikolata/multi amministrattivi w imghax punittiv jippekkaw serjament f'dak li huwa proporzjonalità.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mixjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) kemm-il darba t-talba tas-socjetà Rikorrenti hija ai termini ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikors huwa rritu u null in kwantu jikser id-dettami tal-Partita 4(a)(b)(c) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-

[1] Fol. 25 sa' 28 tal-process.
[2] Fol. 29 sa' 33 tal-process.
[3] Fol. 34 sa' 37 tal-process.

Ligijiet ta' Malta; (ii) fi kwalunkwe kaz, in kwantu tali multa amministrattiva tirrizulta minn stima, il-procedura a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi adottata u dan a tenur ta' dak provdut fis-subparagrafu (k) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi; (iii) peress illi s-socjetà Rikorrenti ma tindikax in bazi ghal liema artikolu tal-Ligi qed tavvanza t-talba taghha, huwa ma jistax jirrispondi b'mod akkurat ghall-allegazzjonijiet avvanzati fil-konfront tieghu u dan in vjolazzjoni tal-principju ta' *audi et alteram partem*; (iv) l-oneru tal-prova li tali multa amministrattiva w imghax ma kellhomx jigu imposti fil-konfront taghha jinkombi fuq is-socjetà Rikorrenti, liema oneru ma jinsabx minnha sodisfatt; u (v) jekk meta tallega li il-multa amministrattiva u l-imghax imposti fuqha jippekkaw f'dak li hija proporzjonalità effettivament qed timplika xi ksur ta' xi dritt kostituzzjonali taghha, it-Tribunal ma huwiex il-*foro idoneo* biex tottjeni rimedju f'tali rigward.

Kif jirrizulta mill-atti processwali, u senjatament mill-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2014[4], f'dan l-istadju qed tigi trattata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-irritwalità u n-nullità tal-proceduri odjerni kemm-il darba kellu jirrizulta li b'dawn il-proceduri s-socjetà Rikorrenti qed tressaq Referenza quddiem it-Tribunal a tenur ta' l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk din id-decizjoni hija limitata ghal tali eccezzjoni preliminari.

Kemm fir-Rikors promotur kif ukoll waqt it-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata minnu, il-Kummissarju tat-Taxxi jillanja mill-fatt li s-socjetà Rikorrenti ma ndikatx il-provvediment specifiku fuq liema ssejjes il-proceduri odjerni, ossia jekk hux fuq l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew inkella fuq l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Frankament però it-Tribunal ma jistax jifhem l-utilità u l-htiega ta' tali lanjanza u konsegwenti eccezzjoni dwar l-irritwalità u nullità tar-Rikors promotur, meta huwa ferm car x'qed taghmel u konsegwentement titlob is-socjetà Rikorrenti bil-procedura odjerna.

Mill-atti processwali u senjatament mill-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.09-28.02.10[5] mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti u anke mir-Rikors promotur, jirrizulta b'mod car li s-socjetà Rikorrenti qed tikkontesta l-imsemmija stima mahruga fil-konfront taghha limitatament ghall-element ta' multa amministrattiva w imghax imposti fuqha. Dana l-fatt gie ulterjorment ikkonfermat mill-istess socjetà Rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi. Una volta li jirrizulta li l-kontestazzjoni tas-socjetà Rikorrenti hija fir-rigward ta' l-istima mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodu ta' taxxa partikolari, anke jekk tali kontestazzjoni hija limitata ghal aspett specifiku minn dik l-istima, huwa evidenti li l-proceduri odjerni ma

[4] Fol. 23 tal-process.
[5] Dok. "WL02".

huma xejn ghajr appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi a tenur ta' l-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

In effetti l-imsemmi Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal* u di più l-Artikolu 44(k) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kwistjoni dwar l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva tista' tigi referuta lit-Tribunal kemm-il darba biss però dik il-multa amministrattiva ma tkunx imposta b'rizultat ta' stima. B'hekk in verità l-uniku mod kif multa amministrattiva imposta bi stima tista' tigi kontestata huwa biss permezz ta' appell a tenur ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Kummissarju tat-Taxxi donnu jpoggi fid-dubju kemm *taxpayer* jista' effettivament jappella mill-element ta' multa amministrattiva w imghax fi stima minghajr ma tigi kontestata wkoll it-taxxa likwidata f'dik l-istess stima. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm xejn x'jzomm lil *taxpayer* milli jappella minn dawn l-elementi partikolari ta' stima mahruga fil-konfront tieghu, u dana b'mod partikolari in kwantu rigwarda l-multa amministrattiva. In effetti mill-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li l-multa amministrattiva imposta ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta hija parti intrinsika mill-istima finali mahruga fil-konfront ta' *taxpayer* u ghalhekk, kif già inghad, soggetta ghal appell ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparte minn hekk, ghad illi t-taxxa *per se* likwidata bl-istima ma tigix kontestata mit-*taxpayer,* huwa xorta wahda jista' jikkontesta l-imposizzjoni tal-multa amministrattiva a bazi ta' skuzanti ragonevoli kif provdut fl-Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-imghax, ghad illi dan huwa intrinsikament marbut mat-taxxa likwidtata fl-istima, meta din it-taxxa ma tigix kontestata ma jfissirx la li l-element ta' l-imghax ma jigix kontestat fuq xi bazi partikolari u lanqas li appell mill-element tal-multa amministrattiva ta' l-istima huwa null semplicement ghaliex b'dak l-appell ikun qed jigi kontestat ukoll l-imghax.

Ghal kull buon fini t-Tribunal jixtieq jaghmel osservazzjoni fir-rigward tas-segwenti affermazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi fir-Risposta tieghu ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti: *Illi l-esponenti jinsab xi ftit konfuz fuq kif kien interpost u kif ghandu jkun stradat l-appell de quo. Dan ghaliex fil-kaz in dizamina s-socjetà appellanti qieghda titlob li jkunu kkancellati l-multi. Aktar 'l isfel u senjatament fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fit-tieni pagna ta' l-appell de quo apparti li talbet li jigu kkancellati l-multa u l-igmhax talbet li tithassar ukoll l-istima. L-appellat qieghed jirrileva dan peress li kien innotifikat ukoll bl-Appell numru 37/14 fl-istess ismijiet premessi. L-appell 37/14VG, kif iddikjarat mill-appellanti, huwa interpost kontra l-*

*istima. Minkejja dan, xorta wahda jaghmel referenza ghall-multa u l-imghax*[6].
Jibda biex jigi osservat li fil-parti tar-Rikors promotur intitolata *Ir-rimedju li jkun qieghed jintalab, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni pubblika,* is-socjetà Rikorrenti tippremetti li *dan l-appell qed isir sabiex dan l-Onorabbli Tribunal ihassar l-imsemmija stima,* *<u>in kwantu ghal imghax u penali</u>*[7]. Apparte minn hekk, il-proceduri fl-ismijiet "Westminster Properties Limited v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), bir-Rikors Nru. 37/14 jittrattaw dwar stima mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.06.10-31.08.10, li huwa perijodu ta' taxxa distint mill-perijodu ta' taxxa mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma hemm xejn stramb li f'dawk il-proceduri s-socjetà Rikorrenti tikkontesta kemm it-taxxa likwidata mill-Kummissarju tat-Taxxi ghal dak il-perijodu ta' taxxa kif ukoll il-multa amministrattiva w imghax minnu impost.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ma hijiex gustifikata stante li l-appell odjern evidentement ma huwiex impostat fuq l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta izda huwa impostat fuq l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza ma jistax jitqies li huwa rritu u null.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[6] Para. (b) taht Konsiderazzjonijiet Legali fir-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[7] Sottolinear tat-Tribunal.